MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 450/2012

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Monolith Limited (C29435)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u tlettax-il Ewro u disa' centezmi (€613.09) dovuta mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici, rapprezentanti ammont in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon numru 21576454 numru tal-kont *A/C40067915* moghtija mis-socjeta' attrici.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-Avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li s-socjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ sitt mija u tlettax-il Ewro u disa’ centezmi (€613.09), bl-imghax legali dekorribbli mit-3 ta’ Lulju 2012 li hija d-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez huma a kariku tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------